**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D M.Jur**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 59/2010**

**Nazzarena sive Rena Camilleri (K.I. 496155M), Concetta sive Connie Spiteri (K.I. 625056M) u Catherine Spiteri (K.I. 561451M)**

**vs**

**Maria Galea (K.I. 341324M) u Christian Camilleri (K.I. 435782M) u b'digriet tal-Bord tat-18 ta' Novembru 2013 l-atti ta' din il-kawza safejn jirrigwardaw l-interess tal-intimata decujus Maria Galea ghaddew f'isem Annie Camilleri (K.I. 891149M)**

**Illum, 10 t'Ottubru 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti huma proprjetarji b'mod indiviz bejniethom tal-fond numru 79 gja numru 76, gewwa St. Leonard Street, Kirkop stante li huma lkoll werrieta tal-genituri taghhom Rocco u Maria konjugi Zahra;

Illi l-intimata Maria Galea tikri l-fond inkwistjoni minghand l-esponenti, liema fond l-intimata kienet tuzah bhala d-dar tal-abitazzjoni taghha, u dan bil-kera ta' tlieta u tmenin Ewro sitta u tmenin centezmu (€83.86) ekwivalenti ghal sitta u tletin Lira Maltin (Lm36) pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem, u dan a bazi ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut datat tmintax (18) t'April tas-sena elf disa' mija wiehed u sittin (1961) hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-intimata naqset milli taghmel uzu mill-fond inkwistjoni ghal skop ta' abitazzjoni ghal perjodu ta' aktar minn tnax-il (12) xahar peress li ilha rikoverata f'St. Vincent De Paul residence sa mis-sena elfejn u sebgha (2007) u ghandha dipendenza permanenti fuq id-dar ta' l-anzjani imsemmija;

Illi n-neputi ta' l-intimata Christian Camilleri qieghed jindika l-fond inkwistjoni bhala r-residenza tieghu fuq il-karta ta' l-identità, meta fil-fatt l-esponenti jafu li Christian Camilleri mhuwiex qieghed jirrisjedi ordinarjament fil-fond inkwistjoni, izda f'residenza ohra;

Illi finalment l-esponenti jirrilevaw li l-fond mhuwiex qieghed jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni kif inhu

obbligu tal-intimata skond il-ligi u dan minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi sahanistra permezz ta' protest gudizzjarju numru hamsa u hamsin tas-sena elfejn u sebgha (55/2007) pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u nonostante l-intimata baqghet inadempjenti (vide Dok B);

Illi minhabba n-nuqqas ta' manutenzjoni da parti ta' l-intimata l-fond garrab hsarat estensivi;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan il-Bord sabiex:

1. Jiddikjara a tenur tal-Artikolu 1555A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-intimata Maria Galea naqset milli tuza l-fond inkwistjoni ghal skopijiet ta' abitazzjoni ghal perjodu li jeccedi t-tnax-il xahar, u li ghandha dipendenza totali fuq id-dar tal-anzjani li prezentement tinsab rikoverata fiha ossia St. Vincent de Paul Residence;

2. Jiddikjara l-hall tal-kirja tal-fond inkwistjoni a tenur tal-Artikolu 1555 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Jordna l-izgumbrament mill-fond inkwistjoni tal-intimati, jipprefiggi terminu qasir u perentorju li fih l-intimati ghandhom jizgombraw mill-fond inkwistjoni;

B'rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju, kollox kontra l-intimati.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata li tghid hekk:

Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-fond de quo jinsab fil-pussess tal-intimata Maria Galea b'titolu validu fil-ligi [ara Carmela Camilleri vs Giuseppa Cuccardi Rik. Nru 52/2006GG deciza 10 ta' Marzu, 2010 mill-Bord li Jirregola l-Kera].

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' trattazzjoni tal-partijiet;

Ra illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimata ma kinitx f'posizzjoni li tirritorna fid-dar residenzjali taghha. Illi l-intimata mietet fil-mori tal-kawza u ssuccedietha bintha. Illi mix-xhieda ta' bintha stess jirrizulta li fl-ahhar sena qabel mietet, l-intimata ma rritornatx id-dar.

Illi iben l-intimata, Annie Camiller,i ma baqax jghix ma' nanntu minn meta nanntu marret residenti fid-dar tal-anzjani, u dan kif xehdet ommu stess, a folio 39 tal-process.

Illi x-xhieda moghtija mir-rikorrenti li l-fond ma baqax jigi mizmum f'kundizzjoni tajba ma giet kontradetta bl-ebda mod.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien tletin jum mil-lum bl-ispejjez kontra l-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur